13 ta' Marzu, 1950.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Salvatore Sevchell *versus* Carmelo Savona

**Board tal-Kera — Lokazzjoni — Ħanut — Remissa — Art. 2 u 13 tal-Kap. 109.**

*Il-fatt li remissa tiġi użata biex l-inkwilin ipoġġi fiha xi għodda konnessa man-negozju tiegħu, imma mingħajr ma jiġi eżerċitat fiha ebda bejgħ jew negozju, u ma tiġix eżerċitata ebda sengħa jew*

*arti, ma jirrendiex dik ir-remissa bħala ħanut fis-sens tal-Liġi tal-Kera; u għalhekk għal dik ir-remissa mhix applikabili l-protezzjoni illi l-Liġi tal-Kera tagħti lill-kwienet.*

Il-Qorti, — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jerġa' jieħu lura idejh ir-remissa nru. 52, Triq Santu Wistin, iż-Żejtun, mikrija lill-intimat, għax iridha għall-użu tiegħu proprju;

**Omissis,**

Rat is-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tal-5 ta' Jannar 1950, fejn iddeċieda billi laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat sat-28 ta' Frar 1950..............; bil-a kkunsidra;

Illi l-liġi f'Section 2 tal-Kap. 109 tiddefinixxi l-espressjoni "shop", u tgħid li dik l-espressjoni tfisser "fond mikri prinċipalment għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija............ jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa";

Illi la mill-fatt li l-intimat huwa kummerċjant, la mill-fatt li huwa dejjem ġie mħarrek quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, u lanqas mill-fatt li l-intimat iżomm fil-fond il-materjal u l-għodda tan-negozju tiegħu ta' appaltatur tal-bini, ma tista' tiddesumi ruħha n-natura kummerċjali tal-fond. Jekk l-intimat iżomm fil-fond xi għodda konnessi man-negozju tiegħu, din hija inċidentalità u ma ġġibx magħha l-konsegwenza li l-intimat jeżerċita s-sengħa tiegħu fil-fond b'mod li tirrendih kwalifikabili bħala "ħanut". Din hija l-ġurisprudenza kostanti tal-Board, u qatt ma ġie a konjizzjoni ta' interpretazzjoni differenti mogħtija minn Awtorità superjuri għalih;

Li jekk il-fond mhux klassifikabili bħala ħanut fis-sens ta'-Liġi, allura l-intimat ma jistax jinvoka favur tiegħu l-protezzjoni ta' Section 13 ta' l-istess Kap. 109; u la darba l-fond mhux "dwelling house", anqas hija applikabili għalih il-limitazzjoni imposta f'Section 10 ta' l-istess Kap., kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fir-rikors fl-ismijiet "Agius Vadalà vs. Parnis England", fid-29 ta' Novembru 1948, u kif baqa' dejjem jiġi deċiż minn hemm 'il hawn minn dan il-Board;

Li għalhekk, la darba r-rikorrent irid ir-remissa għall-użu tiegħu, it-talba għandha tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors ta' l-intimat, li appella quddiem din il-Qorti

mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board, u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-5 ta' Jannar 1950 u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra dan l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat li l-fond li l-attur irid jieħu lura minn għand l-appellant huwa remissa, li fiha l-appellant iqiegħed xi sliem, bażid u twavel qodma li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tiegħu ta' kuntrattur mal-Militar;

Skond l-art. 2 tal-Kapitolu 109 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma "ħanut" tfisser "fond mikri prinċipalment għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija, bl-ingrossa jew bl-imnut, posta s-suq, maħżen u fond bil-liċenza għall-bejgħ ta' nbejjed u spirtu, jew ħwejjeġ ta' ikel jew ta' xorb, sala ta' ċine, jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa". Fl-Edizzjoni Riveduta hemm żbal evidenti fit-test Malti, li ma jaqbelx mat-test Ingliż fejn jingħadu l-kliem "premises principally leased for the exercise etc.". U tabilħaqq il-kelma "użat" kienet giet mibdula fil-kelma "mikri", meta saret l-emenda tal-liġi bl-Ordinanza XXIV ta' l-1937. Barra minn dan, fil-konflitt tat-testi l-Ingliż jirbaħ skond il-Kostituzzjoni;

Fil-każ preżenti, apparti l-kwistjoni ta' l-iskop prinċipali li għalih ir-remissa giet mikrija lill-appellant oriġinarjament, huwa fatt li f'dik ir-remissa l-appellant mhux juża r-remissa la biex ibiegħ fiha, u lanqas biex fiha jeżerċita ebda sengħa jew arti. U tabilħaqq irriżulta li l-appellant għamel iżjed minn d'sa' xhur ma jersaq lejn dak il-post. U ladarba huwa hekk, sewwa ddeċieda l-Board li dik ir-remissa mhix "ħanut" fis-sens tal-liġi, u li għalhekk, la darba lanqas ma hija "dwelling house", l-art. 10 (b) ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 mhux applikabili għall-Każ, u ma jimpedix lill-attur li jieħu r-remissa ladarba jridha għalih u ilu li ta s-sensja lill-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell ta' l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u tordna li t-terminu għall-iżgumbrament oriġinarjament mogħti fis-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.